# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.4965 — Arques/Skandinavische Actebis-Landesgesellschaften)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 280/09)

1. Fis-16 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħhu l-impriża Arques Industries AG ("Arques", il-Ġermanja) takkwista, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll ta' l-intier ta' l-impriżi Actebis Computer A/S (id-Danimarka), Actebis Computer A/S (in-Norveġja) u Actebis Computer AB (l-Iżvezja) (flimkien "Actebis Scandinavian companies") permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Arques u l-kumpaniji affiljati magħha: Ristrutturar tal-kumpaniji; bejgħ bl-ingrossa u bejgħ mill-ġdid ta' prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika, prodotti għall-immuntar tat-teknoloġija ta' l-informatika;

— għal Actebis Scandinavian companies: bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4965 — Arques/Skandinavische Actebis-Landesgesellschaften, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.